

Brussell, 7 ta' Novembru 2025
(OR. en)

15100/25
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0339 (NLE)

TRANS 528
COWEB 139
ELARG 137

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Novembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward ta' ċerti bidliet fir-regoli dwar l-akkwist ta' oġġetti u servizzi applikabbli għas- Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 669 annex.

Mehmuż: COM(2025) 669 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.11.2025
COM(2025) 669 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward ta' ċerti bidliet fir-regoli dwar l-akkwist ta' oġġetti u servizzi applikabbli għas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport

ANNESS

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI Nru /2025/.....
TAL-KUMITAT TAT-TMEXXIJA REĠJONALI
TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT**

ta'

li temenda l-Anness tar-Regoli Finanzjarji u l-Proċeduri tal-Awditjar applikabbli għall-Komunità tat-Trasport, adottat skont id-Deċiżjoni Nru 2022/02 tal-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport tal-15 ta' Diċembru 2022

IL-KUMITAT TAT-TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport, b'mod partikolari l-Artikolu 24(1) u l-Artikolu 35 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 2022/02 tal-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar ir-Regoli Finanzjarji u l-Proċeduri tal-Awditjar applikabbli għall-Komunità tat-Trasport,

Billi:

- (1) L-Anness eżistenti tar-Regoli Finanzjarji u l-Proċeduri tal-Awditjar applikabbli għall-Komunità tat-Trasport, adottat skont id-Deċiżjoni Nru 2022/02 tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali, ma jindirizzax b'mod espliċitu każijiet fejn id-dispożizzjonijiet rilevanti dwar l-akkwist ta' oġġetti, xogħlijiet jew servizzi jkunu assenti jew mhux speċifikati.
- (2) Il-proċeduri ta' akkwist għal ċerti prodotti u servizzi sempliċi u ta' valur baxx jeħtieġu qafas aktar sempliċi u effiċjenti biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva.
- (3) Huwa imperattiv li jissahhaq il-qafas tal-akkwist biex ikun hemm eżekuzzjoni aktar faċli tal-proċeduri tal-akkwist filwaqt li jiġi żgurati l-kompetittività, it-trasparenza u t-trattament ugwali fil-proċess tal-akkwist.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regoli Finanzjarji u l-Proċeduri tal-Awditjar applikabbli għall-Komunità tat-Trasport, adottat skont id-Deċiżjoni Nru 2022/02 tal-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport, huwa emendat kif ġej:

- (a) Fit-Taqsima 3 jiżdied il-punt li ġej:

“4.2 Proċedura Simplifikata għal Servizzi ta’ Valur Baxx

Għall-akkwist ta’ servizzi u provvisti sempliċi, diretti u ta’ rutina, fejn il-volum preċiż u ż-żmien tal-konsenja jistgħu jiġu definiti mill-bidu, inkluż iżda mhux limitat għall-kiri ta’ post, is-servizzi ta’ ristoranti, it-traduzzjoni, il-kiri ta’ tagħmir u x-xiri ta’ oġġetti, fejn il-valur totali stmat ma jaqbiżx l-EUR 20 000 (minbarra l-VAT), għandha tapplika proċedura ta’ akkwist simplifikata.

Din il-proċedura għandha tikkonsisti minn:

- (a) Il-ġbir ta’ mill-inqas tliet (3) offerti minn fornituri eliġibbli;
- (b) L-evalwazzjoni tal-offerti abbażi ta’ fatturi ewlenin bħall-prezz u l-kapaċità li jiġu pprovduti s-servizzi jew il-provvisti;
- (c) L-għoti tal-kuntratt u l-finalizzazzjoni tiegħu permezz ta’ ordni ta’ xiri jew kuntratt dirett simplifikat.

Din il-proċedura simplifikata għandha tiżgura konsultazzjoni adegwata tas-suq, filwaqt li tnaqqas il-piżijiet amministrattivi. Għandu jinżamm rekord tal-offerti miġbura u tal-proċess ta’ evalwazzjoni sabiex ikun hemm rekord xieraq tal-awditjar u tiġi żgurata t-trasparenza tal-proċess”.

(b) Tiżdied it-Taqsima li ġejja:

“5. Taqsima 4

5.1 F’każijiet fejn l-Anness attwali ma jipprevedix dispożizzjonijiet espliċiti, għandhom japplikaw ir-regoli u l-prinċipji stabbiliti fid-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE¹, bl-adattamenti meħtieġa”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-adozzjoni tagħha.

Magħmula [...], fi [...] 2025

*Għall-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali
Il-President*

¹ ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2014/24/2024-01-01>.